*ANNULLAMENT TAZ-ZWIEG – ART 19 (1) (C) (D) (F) TAL-KAP 255*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Frar 2001**

**Kawza Numru: 18**
**Citazzjoni Numru: 1254/98/RCP**

**Mark Spiteri**

**vs**

**Susan Margaret Spiteri u b'digriet tal-15 ta' Jannar 2001 Dr Chris Cilia u l-PL Victor Bugeja gew nominati kuraturi deputati ghall-assenti konvenuta.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fil-hamsa (5) ta' Dicembru tas-sena elf, disa' mija u tnejn u disghin (1992) gie celebrat iz-zwieg bejn l-attrici u l-konvenut fir-Registru taz-Zwieg f'Malta, liema zwieg gie irregistrat fir-Registru Pubbliku bin-numru ta' iskrizzjoni elfejn u wiehed u sittin tas-sena elf, disa' mija u tnejn u disghin (2061/1992) (DOK.A.)

Illi dan iz-zwieg huwa null minhabba li il-kunsens tal-attur inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista mix-xorta taghha tfixxkel serjament, il-hajja mizzewga;

Ili dan iz-zwieg huwa null peress li il-kunsens tal-partijiet kien vizzjat minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

Ilil dan iz-zwieg huwa null minnhabba li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat minnhabba inakapacita li tassumi ir-responsabbilta taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew iktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghal l-att taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-kontendenti kien simulat u iz-zwieg kien wiehed ta' konvenjenza, kif jirrisulta waqt it-trattazzjoni;

Illi ghalhekk, dan iz-zwieg huwa null u bla ebda effett skond il-Ligi, b'mod partikolari a tenur tas-subartikoli (c) (d) u (f) tal-Artikolu dsatax (19) tal-Att Dwar iz-Zwieg tas-sena elf, disa' mija u hamsa u sebghin (1975) (Cap 255 tal-Ligijiet ta Malta) kif jirrisulta waqt it-trattazzjoni;

L-istess attur talab li l-konvenuta tghid il-ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

(1) tiddikjara u tiddeciedi li iz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fir-Registru taz-Zwigijiet ta' Malta, fis-6 ta' Jannar tas-sena 1993 huwa null u bla effett u ghalhekk tordna li issir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz Zwieg relativ.

Bl-ispejjez – kontra l-konvenuta ngunta minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 *et sequitur* tal-process;

Rat id-dokument ezebit permezz ta' nota mill-attur;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn ecceppiet:

1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu din hija bazata fuq ragunijiet li l-eccipjenti:

(i) Qarrqet bl-attur; jew

(ii) Kellha difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha: jew

(iii) Kienet inkapaci li tassumi r-responsabbilta taz-zwieg; jew

(iv) Issimulat il-kunsens taghha; jew

(v) Tat il-kunsens taghha bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew iktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghal l-att taz-zwieg.

Bl-ispejjez kontra l-attur li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta a fol 11 u 12 tal-process;

Rat il-kontro-talba ta’ l-istess konvenuta fejn premettiet:

Illi l-kontendenti kienu kkuntrattaw zwieg f'Malta fl-Ufficcju tar-Registru taz-ZwIgijiet fil-5 ta' Dicembru 1992;

Illi dan iz-zwieg huwa null peress li l-kunsens ta' l-attur ghal dan iz-zwieg, kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha a tenur tal-Artikolu 19(1)(d) ta' l-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta);

Illi dan iz-zwieg huwa null minhabba li l-kunsens tal-attur kien vizzjat minhabba nkapacita li jassumi r-responsabbilta taz-zwieg;

Illi l-attur issimula l-kunsens tieghu ghal dan iz-zwieg;

L-istess konvenuta talbet ghalhekk li l-attur jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddecidi li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fil-5 ta' Dicembru 1992 huwa null u bla ebda effett legali ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez kontra l-attur li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuta fejn eccepixxa:

1. Illi t-talba tal-konvenuta kif dedotta fil-Kontro Talba taghha hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez in kwantu li il-kagun ghall-annulament taz-zwieg bejn il-kontendenti mhuwiex imputabbli lill-attur skond kif jirrisulta mic-citazzjoni tieghu fl-ismijiet premessi.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

3. Ghaldaqstant m'ghandux ibaghti l-ispejjez tal-proceduri bejn il-kontendenti.

Rat id-dikjarazzjoni annessa ma l-istess nota a fol 18 *et sequitur* tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tat-28 ta' Jannar 1999; tat-28 ta' April 1999 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Josette Demicoli sabiex tisma l-provi kollha tal-kaz bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw ix-xhieda bl-affidavit; u tas-6 ta' Ottubru 1999.

Rat in-nota tal-attur li permezz taghha pprezenta zewg affidavits ta' Amanda Spiteri u Simon Cutajar.

Rat il-verbali tas-seduti tal-14 ta' Dicembru 1999; tat-23 ta' Marzu 2000; tas-27 ta' Gunju 2000; tal-10 ta' Lulju 2000; tad-19 t'Ottubru 2000 u tal-5 ta' Dicembru 2000 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-27 ta' Frar 2001.

Rat id-digriet tal-15 ta' Jannar 2001 fejn Dr Chris Cilia u l-PL Victor Bugeja gew nominati kuraturi deputati ghall-assenti konvenuta.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. MERTU TAL-KAWZA

L-attur qed jitlob li z-zwieg li gie ccelebrat bejnu u bejn il-konvenuta fil-5 ta’ Dicembru 1992 jigi dikjarat null peress li fil-mument taz-zwieg kien vizzjat serjament peress li l-kunsens tieghu nkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-konvenuta li tista mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga; hu null ukoll minhabba li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat minhabba difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha; u minhabba li l-konvenuta kienet inkapaci li tassumi r-responsabbilita` taz-zwieg. Inoltre`, l-attur isostni li l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg. Fl-ahharnett, li l-kunsens tal-kontendenti kien simulat u z-zwieg kien wiehed ta’ konvenjenza.

Illi min-naha taghha l-konvenuta ghamlet kontro-talba fejn talbet li z-zwieg taghha mal-attur rikonvenzjonat ghandu jigi dikjarat null peress li fil-mument taz-zwieg il-kunsens ta’ l-attur kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha; hu null minhabba li l-kunsens ta’ zewgha kien vizzjat minhabba nkapacita` li jassumi r-responsabbilita` taz-zwieg; kif ukoll peress li l-attur issimula l-kunsens tieghu ghall-istess zwieg.

## II. **PROVI**.

Illi l-attur ikkonferma d-dikjarazzjoni minnu maghmula mac-citazzjoni. Hu spjega li l-konvenuta kienet ta’ nazzjonalita` Ingliza, kienet mizzewga u divorzjata bit-tfal. Huma kienu ltaqghu meta hi kienet f’Malta fuq vakanza mat-tifel minuri taghha. Kien hemm differenza ta’ eta` ta’ tlettax-il sena bejniethom – hu kellu 24 u hi 37 sena meta zzewgu. Illi dak iz-zmien li ltaqghu hu kien jahdem Ghawdex u kwazi mill-ewwel fil-*week-ends* kien ighix maghha u mat-tifel fil-*flat*. Hi kienet qaltlu bl-intenzjoni taghha li ssib xoghol u tibqa’ tghix f’Malta.

Imbaghad hu beda jahdem Malta, filwaqt li l-konvenuta mpjegat ruhha bla permess, u peress li ma kelliex paga fissa imma bbazata fuq *commission*, xi drabi baqghet taqra x-xorti. L-attur xehed li d-diskors fuq zwieg kien sar fuq suggeriment tal-konvenuta peress li kienet tarah bhala alternattiva sabiex ikunu jistghu jtejbu l-qaghda finanzjarja taghhom. Huma kienu baghtuti finanzjarjament u hi b’hekk qaltlu li jekk jizzewgu kien se jkollha permess biex tahdem mhux bilfors fit-*time-share* u kien ikollhom zewg impjiegi bejniethom. Hu qal li hu kien qed ihossu ragel tal-familja ghalkemm kellu biss tlieta u ghoxrin sena. Mid-decizzjoni biex jizzewgu sakemm effettivament izzewgu ghadda circa xahar. Skond l-attur l-uniku alternattiva li kellhom dak iz-zmien kienet li jizzewgu peress illi hi kien ikollha tahdem illegalment u kien hemm biza’ li kemm hi u kemm binha jigu mkeccija minn Malta. Inoltre` qal li hi kienet harbet mill-Ingilterra minhabba ragel li kienet tohrog mieghu.

L-attur allega wkoll li martu kellha l-vizzju tax-xorb. Hu qal li hi kellha tali vizzju minn qabel ma zzewgu, pero` ma kienitx turi effettivament kemm kienet tixrob. Wara z-zwieg, kienet qabdet tixrob flixkun inbid kuljum u kien ikollhom x'ighidu minhabba f'hekk. Apparti dan kien hemm ukoll problemi fuq it-tifel taghha. Wara xi sena jew sena u nofs miz-zwieg il-konvenuta qabdet karriera tohrog ma shabha u tidhol lura tard bil-lejl xurbana. F'dan iz-zmien kien ikollha *parties* tax-xoghol u hi kienet tkun imdawra mal-irgiel, u kwindi kien jissuspetta li kellha xi relazzjoni ma xi hadd iehor.

Huma kienu jargumentaw ukoll fuq flus ghaliex wara z-zwieg hi bdiet tahdem mat-*time-share* u peress li kienet taqla aktar minnu hi ma rieditx li jamministrawhom flimkien, imma riedet li tamministrahom hi u kienet titolbu wkoll parti minn dak li kien jaqla' bhala manteniment ghall-hajja ta' kuljum.

Xehdet ukoll **Amanda Spiteri**, il-mara ta' hu l-attur. Hi spjegat li wara li ltaqghet mal-konvenuta kellha dubji serji dwar iz-zwieg, kemm minhabba d-differenza kbira ta' eta` kif ukoll peress li minn dak li qaltilha li kienet ghexet f'hafna pajjizi differenti kellha dubji li din setghet tistabilixxi ruhha f'Malta. Qaltilha wkoll li kellha permess biex tahdem pero` wara saru jafu li ma kienx veru.

Hi xehdet ukoll li l-konvenuta meta mistoqsija minnha qabel iz-zwieg jekk kellhiex xi pjanijiet ghat-tfal hi qaltilha li ma

rieditx. Hi spjegat li dak in-nhar tat-tieg, waqt ir-riceviment il-konvenuta bdiet tizfen b'mod provokattiv u kienet xorbot hafna wkoll. Imbaghad spjegat li l-attur kien ighidilhom li kellhom il-problemi waqt iz-zwieg.

Illi fix-xhieda tieghu **Simon Cutajar**, li kien jaf lill-kontendenti, xehed li hu kien jahdem maghha u darba minnhom fuq il-post tax-xoghol sema' lill-konvenuta waqt li kienet qed titkellem mal-hbieb li hi zzewget minhabba ragunijiet ta' konvenjenza sabiex tkun tista' tibqa' Malta u tottjeni cittadinanza Maltija. Hi qalet ukol li hi riedet '*a good time'*. Hu ma kien qal xejn lill-attur dwar dan.

Xehed ukoll **Stephen Falzon** li deher ghad-Direttur tac-Cittadinanza u Expatriates. Hu ta informazzjoni dwar applikazzjoni li saret f'isem il-konvenuta minn Sunny Coast sabiex tahdem maghhom. Illi pero` f'Novembru 1992 id-dipartiment gie nfurmat li ma kellhiex bzonn aktar ta' permess peress li kienet se tizzewweg cittadin Malti. Effettivament *work permit* qatt ma nhareg. Illi fit-18 ta' Lulju 1996 hi ghamlet applikazzjoni biex tigi registrata bhala cittadina Maltija. Hi kienet registrata hekk fis-6 ta' Frar 1997. Hi ma kellhiex bzonn il-firma tar-ragel peress li kienet mizzewga Malti. Meta applikat il-konvenuta tat indirizz differenti minn dak ta' zewgha bhala residenza u kwindi hi kienet separata minnu ghalkemm ma kienx jaf kienitx legalment separata jew le.

Illi xehed ukoll **Police Sergeant 1375 Anthony Camilleri** li hu *in charge* mis-Central Emigration Office. Mill-file hu

xehed li l-ewwel wasla taghha Malta kienet fl-10 ta' Novembru 1991. Fit-13 ta' Frar 1992 ghamlet applikazzjoni biex testendi l-visa hawn Malta. Hi giet hawn fuq bazi bhala turista, u bhala raguni ghat-talba tal-estensjoni taghha kienet long-break, u bhala okkupazzjoni hija nizlet self-employed. Jirrizulta ukoll li kellha tifel minuri maghha. Sussegwentement, regghet ghamlet applikazzjoni ohra f'Mejju u kompliet taghmel tali applikazzjonijiet sa Awissu 1992 fejn ir-raguni illi tat kienet '*Maltese boyfriend'*. F'Novembru 1992, ir-raguni li tat ghall-applikazzjoni taghha kienet illi ser tizzewweg fil-5 ta' Dicembru 1992. F'din l-applikazzjoni, il-firma tal-*boyfriend* ma kienitx hemm u kien jidher ukoll isem l-attur u bl-ID Card tieghu. Ix-xhud qal illi kieku l-konvenuta ma kellhiex tali estensjoni hi ma seghetx tibqa' Malta.

Illi l-konvenuta **Susan Margaret Spiteri** ma resqet ebda provi, oltre` d-dikjarazzjoni taghha man-nota tal-eccezzjonijiet u mal-kontro-talba. Fid-dikjarazzjoni hi ddikjarat li hu minnu li meta ltaqghu hi kellha cittadinanza barranija. Meta l-kontendenti ltaqghu, l-esponenti kienet qed tghix hawn Malta wara li kien inhargilha permess tax-xoghol. Hi kienet tahdem fl-industrija tat-turizmu. Hi ddikjarat li kien tramite l-kuntatti taghha rnexxielha ssib l-impjieg ghall-attur fl-istess post fejn kienet impjegata. Hi cahdet kategorikament li talbet lill-attur biex jizzewwigha biex tkun tista' tibqa' hawn Malta. Anzi skond kif iddikjarat kien l-attur li ried akkost ta' kollox li jizzewweg. Qabel iz-zwieg huma kienu jafu lil xulxin ghall-perjodu ta' sitt xhur, u

matul l-ahhar tlett xhur kienu jghixu flimkien fir-residenza tal-konvenuta.

Inoltre` ddikjarat ukoll illi l-attur kien iddejjaq ighix mal-genituri tieghu ghaliex hu ma kienx ihoss aktar li dik kienet daru. Skond hi, l-attur kien bniedem introvert u maghluq fih innifsu u li hi kienet spiccat taghmel tajjeb ghal bzonnijiet tieghu. Hi cahdet li kkommettiet atti ta' infedelta` jew li kellha xi problema ta' alkohol.

Illi imbaghad fid-dikjarazzjoni mal-kontro-talba hi sostniet li z-zwieg hu null peress illi l-kunsens ta' l-attur kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha; kif ukoll, minhabba l-inkapacita` min-naha ta' l-attur li jassumi r-responsabilita` taz-zwieg; u li kien hu li ssimula l-kunsens tieghu ghal dan iz-zwieg.

## III. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

L-attur fil-premessi tieghu jghid illi l-kunsens tieghu inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga. Inoltre` li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha; kif ukoll, minhabba li l-kunsens taghhom inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg. Kif

ukoll, li l-kunsens taghhom kien simulat u z-zwieg kien wiehed ta' konvenjenza. L-attur isostni wkoll li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat minhabba nkapacita` li tassumi r-responsabilita` taz-zwieg.

Dawn it-tlett premessi huma kkontemplati fl-**artikolu 19 (1) (c), (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u cioe` l-Att dwar iz-Zwieg.

Min-naha taghha, l-konvenuta fil-kontro-talba tghid illi kien il-kunsens ta' zewgha li kien vizzjat a bazi ta' l-artikolu 19 (1) (d) u (f).

L-attur jissottometti illi z-zwieg bejnu u bejn il-konvenuta ghandu jigi dikjarat null inter alia a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255** li jghid:

**19 (1).** "*B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond* xi disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null;

*(c) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".*

Il-Qrati taghna dejjem sostnew illi taht dan is-subartikolu:

"*Iz-zwieg huwa null jekk wahda mill-partijiet taghti kunsens taghha ghax tkun giet imqarqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi hadd iehor dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra*" (**"Sh A**

**mart A Fattah xebba Perry vs Dr A Mifsud u PL Mifsud Bonnici"** – 22 ta' Novembru 1982).

Element importanti ta' dan is-subartikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li jfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi mill-provi kollha prodotti ma giex pruvat soddisfacentement li l-konvenuta qatt qarqet bl-attur dwar xi kwalita` taghha.

L-attur isostni illi l-kunsens tal-partijiet kien null a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d)** li jghid:

"(d) *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg*".

Illi dwar dan is-subartikolu din il-Qorti kif presjeduta diga kellha okkazzjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza "**Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg**" (Cit Nru 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza "**Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella Flores et noe**" (Cit Nru 2443/97/RCP – deciza 18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-esposizzjoni ta' Viladrich:

"*Thus, there is grave lack [of discretion of judgement] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" (Viladrich, P.J., Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated (Montreal, 1993), p. 686).

Kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u invarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual,*

*permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (Viladrich, P.J., op.cit., p. 687).

Illi fl-**artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:

**19 (1) (f)** "*jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg*".

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza "**Nicolai Balzan vs Simone Cremona**" minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit Nru 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi inoltre fis-sentenza "**Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe**" (Cit Nru 3130/96/NA – deciza fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:

"*Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni posittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens*".

Illi mill-provi prodotti rrizulta li la l-attur u wisq anqas il-konvenuta ma kellhom il-grad rikjest mill-ligi ta' diskrezzjoni tal-gudizzju, u dwar id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga. Illi bla dubju ta' xejn irrizulta wkoll li l-kunsens tal-konvenuta kien simulat peress illi hu evidenti illi hi zzewget l-attur sabiex tkun tista' ggib ic-cittadinanza Maltija u tkun tista' tibda tahdem Malta bla problemi ta' xejn. Dan irrizulta kemm mix-xhieda ta' l-attur dwar il-komportament taghha u dwar dak li qaltlu hi stess – fejn issugeriet li jizzewgu anki biex isolvu l-problemi finanzjarji taghhom. Dan ma giex kontradett. Inoltre` fix-xhieda tieghu Simon Cutajar ukoll xehed li hu sema' lill-konvenuta waqt li kienet qed titkellem mal-hbieb li hi zzewget minhabba ragunijiet ta' konvenjenza. *Di piu`* rrizulta wkoll mix-xhieda ta' Police Sergeant 1375 Anthony Camilleri li l-konvenuta meta ghamlet applikazzjoni sabiex testendi l-visa hawn Malta hi gabet bhala raguni '*Maltese boyfriend*' u dan ghal diversi drabi, sakemm fl-ahhar talba nizlet li kienet ser tizzewweg. Eventwalment, kif irrizulta mix-xhieda ta' Stephen Falzon, ghad-Direttur tac-Cittadinanza u Expatriates, hi gabet ic-cittadinanza Maltija u peress li kienet mizzewga Malti lanqas biss kellha bzonn il-firma tieghu.

Illi kwindi rrizulta illi fil-mument taz-zwieg il-kunsens li ta l-attur kien wiehed invalidu a bazi tas-**sub-artikolu (d) ta' l-artikolu 19 (1) tal-Kap 255**, u l-kunsens ta' l-attrici kien wiehed vizzjat a bazi tas-**sub-artikolu (d) u (f) ta' l-imsemmi artikolu 19 (1)**.

## IV. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li **tilqa' t-talba attrici** tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti celebrat fis-6 ta' Jannar 1993 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Illi ghal dak li jirrigward l-**kontro-talba** din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi tilqa' l-istess kontro-talba b'dan li tiddikjara li l-istess zwieg bejn il-kontendenti celebrat fis-6 ta' Jannar 1993 huwa null u bla effett stante li l-kunsens ta' l-attur Mark Spiteri kien vizjat a tenur ta' l-**Artikolu 19 (1) (d) ta' l-Att dwar iz-Zwieg**.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez ta' din il-kawza u tal-kontro-talba ghandhom jigu sopportati kwart mill-attur u tlett kwarti mill-konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**27 ta' Frar, 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**27 ta' Frar, 2001**